SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 69/K9/24**

Data tal-laqgħa: 11 ta' Ġunju 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci – Kunsillier
Victor Vella – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Martin Sultana – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Clayton Luke Mula - Viċi Sindku (Inc No.    /2024)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Fenech – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba

**69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

69.1.01 Il-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula talab li jiġi skużat għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**69.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

69.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 68/K9/24.

69.2.02 Iċ-Ċermen staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni però ma kienx hemm korrezzjoni.

69.2.03 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

69.2.04 Il-Kunsillier John Agius ssekondah fl-approvazzjoni.

69.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**69.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

69.3.01 Il-Ġimgħa 17 ta' Mejju sar il-*launching* tal-fetħa Bjar ta' Napuljun u ġie mniedi l-ktieb dwar l-istess storja.

69.3.02 Fir-rigward Ġnien Saver Zarb il-Kunsill kien infurmat li llum saret laqgħa bejn il-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur. Ix-xogħol ta' dan il-proġett kien wieqaf temporanjament minħabba kwistjoni dwar il-livelli tal-bankina. Waqt il-laqgħa ta' llum ġie deċiż li x-xogħlijiet ser ikunu qed jitkomplew kif ġie miftiehem filwaqt li ġew infurmati li d-dawl ġie skonetjat min naħa tal-Enemalta sabiex ma jkun hemm l-ebda periklu.

69.3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li fi Triq Patrick Brydone u Sqaq is-Sigra tnaqqas ħafna it-traffiku minn meta ġiet implimentata l-one way il-ġdida kif ukoll ġiet implimentata t-tibdil tal-one-way fi Triq il-Bajja.

69.3.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-parti ta' Triq San Mark fejn kienet qed issir bit-tarmak tlestiet u saru sinjali tat-triq kollha neċessarji.

69.3.05 Dwar iz-zebra crossing ta' Triq Birkirkara, l-membri preżenti ssuġġerew li jrid isiru l-belishia beacons.

69.3.06 Għada l-Erbgħa 12 ta' Ġunju ser jibdew ix-xogħlijiet fuq il-mural ta' Taraġ Attard Kingswell.

69.3.07 Fir-rigward il-korrispondenza mingħand il-Pulizija dwar ittra li kienet intbagħatet lilhom sabiex jiġu ċċekkjati l-permessi madwar il-promenade, il-Pulizija nfurmat lill-Kunsill li għandhom bżonn l-għajnuna tal-Awtorità tat-Turiżmu sabiex dawn ikunu jistgħu jduru l-permessi kollha madwar il-*promenade*.

**69.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

69.4.01 Il-Kunsillier Martin Sultana rringrazzja lill-kulħadd u awgura ħidma għal Kunsill ġdid sabiex jaħdem għal ġid ta' San Ġiljan.

69.4.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli awgurat lill-kulħadd.

69.4.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul irringrazzja lill-kulħadd ta' dawn is-snin li kien membru fil-Kunsill filwaqt li awgura lill-Kunsill il-ġdid.

69.4.04 Il-Kunsillier Victor Vella ġibed l-attenzjoni dwar il-bozoz li hemm maqtugħin fi Sqaq is-Sigra.

**69.5 Approvazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni tat-Tender ;**

69.5.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq l-evalwazzjoni tat-Tender tal-ħitan ta' Ta' Giorni.

69.5.02 Il-Kumitat tal-Evelwazzjoni kien magħmul minn tlett kunsilliera. Kien hemm ħames bidders madanakollu kien hemm bżonn xi kjarifikazzjoni għalhekk dan l-item ser ikun diskuss waqt il-laqgħa li jmiss.

**69.6 Approvazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni tat-kwotazzjoni ;**

69.6.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq l-evalwazzjoni tal-kwotazzjoni tal-Mini Bus tas-Sajf.

69.6.02 L-Kumitat tal-Evalwazzjoni kien kompost minn tlett kunsilliera. Kien hemm tlett bidders u għalhekk ġie deċiż li jintażel il-Meet Garage minħabba li kienet l-iktar offerta vantaġġjuża. Il-Kunsill qabel unanimament.

**69.7 Approvazzjoni tar-rapport Finanzjarju tal-ewwel, it-tieni u t-tielet kwart ta' 2023**

69.7.01 Dawn ser jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

**69.8 Approvazzjoni tal-budget 2023 u 2024 ;**

69.8.01 Ġie mressaq għal-attenzjoni tal-Kunsill il-budget tas-sena 2023 (Ara Appendiċi 'A').

69.8.02 Il-Kunsillier Victor Vella ippropona l-approvazzjoni tiegħu.

69.8.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah.

69.8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

69.8.05 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-budget 2024 ser ikun diskuss waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**69.9 Żewġ talbiet għal-kumpens waħda fi Triq San Ġorġ u l-oħra fi Triq il-Wilġa ;**

69.9.01 Tressqu quddiem il-Kunsill żewġ talbiet għal kumpens fuq ħsara li saret fuq vetturi waħda fi Triq San Ġorġ u l-oħra fi Triq il-Wilġa. Il-Kunsill bagħat dawn l-ittri lill-Avukata tal-Kunsill fejn ngħatat l-informazzjoni min-naħa tagħha. Dawn inqraw waqt il-laqgħa.

69.9.02 Il-Kunsill qabel ma l-pariri li qed tagħti l-Avukata.

**69.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

69.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6219 sa 6228 (Ara Appendiċi 'B').

69.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**69.11 Skeda tal-Pagamenti**

69.11.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ippropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ').

69.11.02 Il-Kunsilliera Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

69.11.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah fl-approvazzjoni.

**69.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

69.12.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it-Tlieta 20 ta' Ġunju 2024 fis-6.00p.m.

69.12.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 20 ta' Ġunju 2024**